# Orazio Diacono 1826 - 1899

Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela

## Orkestra fl-1832



Bla dubju ta' xejn, Orazio Diacono kien wieħed mill-aktar persuni prominenti fl-Istorja tal-Banda Beland. Pietru Pawl Castagna, storiku Bormliż imnissel minn familja Żejtunija - nannuh Giovanni kien il-viċi-kap taż-Żejtun fir-rewwixta kontra l-Franċiżi - jgħid li fl-1832 diġa' kien hawn orkestra fiż-Żejtun (1). Inkarigat minn din l-orkestra kien is-**Sur Giovanni Battista Diacono**, neguzjant tal-qoton (2). Fil-fatt il-Familja Diacono kienet imlaqqma "Tad-Dispaċċ", ***(Despatch)*** għaliex hekk kienet tissejjaħ l-iskuna li huma kellhom għat-trasport tal-qoton (3). Għaddew ftit snin, u bil-ħidma tal-mużiċista **Mro. Michelino Deferraris,** Taljan li Gio Batta Diacono stess ġieb hawn fiż-Żejtun, din l-orkestra ġiet mibdula f'banda fl-1860 taħt id-direzzjoni ta' Mro. Orazio Diacono, bin Gio Batta. U hekk bdiet il-Banda Beland.

## Il-Familja ta' Gio Batta Diacono



Giovanni Battista Diacono kien iżżewweġ lil Francesca Busuttil u marru joqogħdu fil-Gwiedi. Gratia, l-ewwel tarbija tagħhom fiż-Żejtun, twieldet fis-sena 1797, is-sena meta l-Gran Mastru Ferdinando Hompesch għolla liż-Żejtun għad-dinjita' ta' **"Belt Bylandt"**. Interessanti li ż-żewġ parrini kienu minn Għawdex u minn Ħaż-Żabbar. Wara din it-tarbija, il-koppja Diacono kellhom numru sewwa ta' tfal: Xaveria (1799); Vincentius (1800); Maria Teresia (1803); Aloysius (1805). Maria, li twieldet fl-1810, ġiet mgħammda malajr, għaliex kienet fil-periklu tal-mewt. **Status Animarum** (lista tan-nies) taż-Żejtun tas-sena 1808 jgħidilna li l-mara ta' Gio Batta Diacono kienet għadha Francesca, iżda wara l-mewt tagħha fl-eta' ta' 35 sena fis-sena 1811, hu żżewweġ lil Catarina Mangion. Hekk il-Familja Diacono baqgħet iġġib it-tfal fid-dinja: Maria Xaveria (1811); Francesco (1813), li Gio Batta semma għall-ewwel mara tiegħu mejta; Giovanni (1814); Laurentius (1816); Alexander (1817); Salvator (1819); Anna (1821); Vincentia (1823); Baptistina (1825), li bħala parrinu kellha lit-tabib Tumas Chetcuti mill-Imdina; **Horatius** (1826); Rosina (1830); Giovann Battista (1835). Il-fatt li spiss jidhru parrini minn barra miż-Żejtun, ifisser li Gio Batta Diacono kellu ħafna kuntatti ma' l-Ibliet. In-negozju mhux biss għamlu sinjur, iżda wkoll ipprovdielu ħbieb saħansitra minn barra minn Malta. Biex wieħed jara t-tibdil fil-membri tal-Familja Diacono, hu jrid jaqbad il-listi taż-Żwieten bejn l-1803 u l-1822 fl-Arkivju Parrokkjali taż-Żejtun (ta' dawn is-snin għall-inqas għandna) u jfittex **Via Spiritus Sancti, Casa 20, Gwiedi (4).**

## Twelid ta' Orazio Diacono

**Orazio twieled fiż-Żejtun nhar l-20 ta' Novembru, 1826**, u ġie mgħammed dak in-nhar stess mill-Kappillan Dun Bert Sant, iżda ta' min igħid li l-Fonti tal-Magħmudija ta' l-irħam li ħallas għalih dan il-Kappillan u li għadu jeżisti sal-

lum, kien għadu ma sarx. Orazio ngħata dawn l-ismijiet: Vincentius, **Horatius**, Salvator u Caietanus. Il-Kappillan niżżel sinjal taħt l-isem **"Horatius"** biex juri li l-ġenituri hekk riedu jsejħu lit-tarbija tagħhom (5). Hu ġie mogħti dan l-isem għal nannuh, missier ommu Katarina mwielda Mangion. Dan nafuh milll-mewt ta' din l-istess Katarina, fejn



Registrazjoni tat-twelid ta' Orazio Diacono nhar l-20 ta' Novembru, 1826

naqraw li hi qabel iżżewġet lil Gio Batta Diacono, kien jisimha Katarina Mangion, **bint Horatius** u Maria Annuntiata (6). Bħala parrinu fil-Magħmudija, Orazio kellu lil Dun Dumink Pace.

## Dun Dumink Pace, Parrinu ta' Orazio

Nhar it-23 ta' Frar, 1800, żmien ta' nkwiet, imwiet u ġuħ li minnhom kien għaddej il-poplu Malti fir-rewwixta kontra l-Franċiżi, Francesca, armla tal-mejjet Francesco Schiavone, u bint il-mejtin Nicholas u Gratiulla Montenero, żżewġet fiż-Żejtun lil Angelo Pace, armel tal-mejta Katarina, u bin Dumink u Gratiulla Attard (7). Minn dan iż-żwieġ **twieled fis-26 ta' Novembru, 1800, iċ-ċkejken Duminku** (8). Hu ċar li dan Angelo semma lit-tifel Duminku għal missieru. **Status Animarum ta' l-1803** jgħarrafna li f'dik is-sena Angelo Pace kellu 70 sena u martu Francesca kellha biss 42 sena, li kienu joqogħdu fil-Gwiedi u li t-tifel Duminku kien għad kellu biss 3 snin. Allura meta żżewġet lil Angelo Pace, Francesca kellha 39 sena, u kienet 28 sena iżgħar minnu, iżda hu kien raġel tas-sengħa, għaliex fil-Magħmudija ta' ibnu hu jissejjaħ "Mastru". Għandna hawn indikazzjoni ċara tat-tbatija li fiha kienu jsibu ruħhom in-nisa li jormlu kmieni, u l-għala aktarx li kienu jerġgħu jiżżewġu, anke lil raġel ħafna akbar minnhom fl-eta`, basta jkollhom min igħajjixhom. Tagħrif ieħor li joħrog mill-**iStatus Animarum tas-sena 1803** hu li l-Familja Pace kellhom magħhom lil **"Joannes Andreas Schiavone, filius Franciscae"** fl-eta` ta' 16-il sena. Dan allura kien bin Francesca mill-ewwel żwieġ tagħha ma' Francesco Schiavone. **Kważi, kważi nistgħu ngħidu li t-tfajjel Duminku trabba mingħajr missier**, għaliex Angelo Pace miet fil-21 ta' Marzu, 1808 (9). Għaddew is-snin u nsibu li fl-1822, Duminku Pace, li allura kien sar suddjaknu, kien igħix waħdu ma' ommu Francesca. Kienu joqgħodu f'**Casa 19, Guiedi, Via Spiritus Sancti, bieb ma' bieb mal-Familja Diacono**. Żgur li kienu ħbieb sewwa. **Fl-1826, meta twieled Orazio Diacono, Duminku Pace kien ilu tliet snin saċerdot**. Hu miet nhar is-7 ta' Marzu, 1878, meta kien għadu joqgħod fil-Gwiedi (10).

## Imut Gio Batta, missier Orazio

Dun Franġisk Caruana, prokuratur tal-knisja parrokkjali, kien spiss idur mar-raħal jiġbor mhux biss flus għall-knisja, iżda wkoll qoton u ħwejjeġ oħra. Dan il-qoton imbagħad kien ibiegħu lil Gio Batta Diacono, kif għidna negozjant tal-qoton, u l-flus li jdaħħal minn dan il-bejgħ kien iniżżlu fir-Reġistru tad-Dħul u ħruġ tal-**Veneranda Lampada**. Hekk, per eżempju, nhar l-24 t'Ottubru, 1834, hu daħħal b'dan il-mod 32 skud, 10 tari u 7 grani. Fit-22 t'April, 1849 Gio Batta Diacono inkiteb mal-Konfratelli ta' l-Agunija (12), u ftit xhur wara nkiteb Orazio (13). Il-mewt ma taħfirha lil ħadd, u **Gio Batta miet proprju nhar il-Kunċizzjoni, 8 ta' Diċembru, 1849** (14), meta kellu 78 sena. Mietet ukoll is-Sinjura Katarina Diacono, u nhar l-24 ta' Marzu, 1878, Orazio Diacono ħallas għal żewġ quddisiet kantati għal ruħ ommu, għas-snin 1857 u 1858 (15), u fit-18 ta' Jannar, 1881, ħallas għal quddiesa għal ruħ missieru (16).

## Żwieġ ta' Orazio Diacono

**Meta ġiet imwaqqfa l-Banda Beland, Orazio Diacono kien għadu ġuvni,** għaliex iżżewweġ kbir fl-eta'. Fil-fatt hu diġa' kellu 47 sena meta żżewweġ lil **Domina Francesca Xaveria Darmanin** fiż-Żejtun nhar it-**22 ta' Ġunju, 1873.** Huma żżewġu fil-knisja ta' l-Ispirtu s-Santu u żewwiġhom il-Kappillan Ġann Mari' Tabone. Il-ġenituri ta' Francesca Xaveria, li t-tnejn jissejħu "Domini", kienu Pawlu Darmanin u **Carolina, mwielda Dedomenico**. Bħala xhieda kellhom lin-Nutar Ottone Dedomenico, bin Domino Michaelis, mill-Belt Valletta, u Domino Laurentius Diacono, ħu l-għarus. Dun Pietru Pawl Cachia tahom il-barka taż-żwieġ (17).



Lista tal-familji Żwieten fl-1822. Ara kif il-familji Pace u Diacono kienu joqgħodu bieb ma bieb.

## Ismijiet interessanti

Huma ferm interessanti ċerti ismijiet li jidhru f'din ir-reġistrazzjoni taż-żwieġ. **Dun Pietru Pawl Cachia Abela**, li tiegħu għandna kwadru fil-Mu\ew Parrokkjali, kien saċerdot prominenti ħafna. Għamel żmien fid-diplomazija, kien rappreżentant tal-kleru fil-Kunsill tal-Gvern, u Kappillan tan-Naxxar għal xi snin. Kien hu li ħallas għall-paviment ta' l-irħam fil-kappellun tal-Kurċifiss. **Il-kunjom "Dedomenico"** mill-ewwel ifakkarna fil-Kan. Giovanni Dedomenico, kanonku tal-Kolleġġjata ta' l-Isla, organista u saċerdot ħabrieki fil-parroċċa taż-Żejtun. U **Carolina**, omm Francesca Xaveria, mill-ewwel tfakkarna f'ħadd inqas minn **Karlu Diacono**, li ovvjament ġie msemmi għaliha, jiġifieri għal nanntu.

## Twelid ta' Karlu Diacono

Nhar il-15 ta' Settembru, 1874 twieled Gio Batta, iben Orazio, u li allura ġie msemmi għal nannuh (18). Għammdu Dun Ġużepp Darmanin, u bħala parrini kellu lil zijuh Domino Laurentius Diacono u lil Domina Carolina. Iċ-ċkejken tarbija ġie mogħti xejn anqas minn għaxar ismijiet! Interessanti wkoll li jingħad li l-ġenituri kienu joqgħodu fil-**"Gujedi".** Allura Orazio kien għadu ma telgħax joqgħod fil-Pjazza, illum imsejħa Girgor Bonici. Nhar it-**1 t'April, 1876, twieled Carolus Diacono**, għal darb' oħra **"ex Gujedi"**. Bħala parrini kellu lil Domino Petrus Paulus Darmanin u Domina Marianna Diacono (19). Snin wara, l-Arċipriet Dun Lawrenz Degabriele niżżel nota marġinali fejn qal li **dan Carolus iżżewweġ lil Maria Stella Cannataci** fis-17 ta' Novembru, 1908. Sentejn wara Carolus, twieldet Carolina (20). Kienu għadhom fil-Gwiedi, għaliex hekk niżżel il-Kappillan fir-reġistrazzjoni tal-Magħmudija ta' Carolina.

## Orazio jitla' bil-familja fil-Pjazza

Il-lista taż-Żwieten tas-sena 1879 tagħtina nformazzjoni ġdida. Tgħidilna li f'din is-sena **Orazio Diacono kien joqgħod bil-familja f'Casa 18, Piazza Maggiore** (21). Mela f'xi jum bejn l-1878 u l-1879, Orazio ħalla l-Gwiedi u mar joqgħod fid-dar tal-pjazza, biswit is-Salib, fejn illum naraw il-bust ta' ibnu Karlu. Il-Kappillan igħidilna li l-familja Diacono kienet imlaqqma "Tad-Dispaċċ", u li t-tfal tal-familja kienu tlieta: Gio. Battista (9 snin); Carlo (3 snin) u Carolina (sena). Minn hawn insiru nafu wkoll li s-Sinjura Xaveria Diacono kienet 18-il sena iżgħar minn żewġha Orazio. Informazzjoni simili tagħtihielna l-lista tal-1883, iżda għandna hawn ħaġa kurjuża: **Hdejn isem iċ-ċkejken Carlo**, li allura kellu biss 6 snin, **il-Kappillan niżżel "in coro"**. Tgħid dan ifisser li Karlu kien diġa membru ta' xi kor tat-tfal fil-knisja parrokkjali?

## Mewt ta' Orazio Diacono

Orazio miet nhar it-**18 ta' Lulju, 1899**, meta allura kellu 73 sena (22), meta martu Xaveria kienet għadha ħajja, **u meta Karlu Diacono kellu 23 sena.** Barra r-reġistrazzjoni tal-mewt tiegħu bħas-soltu mill-Arċipriet tal-parroċċa, il-prokuratur

tal-Fratellanza ta' l-Agunija, fil- **"Libro Funerali dei Consolidati dell' Agonia"**, taħt id-data 18 ta' Lulju, 1899, niżżel **"Mori` il-Signore Orazio Diacono, figlio del fu` Gio Batta e Caterina Mangion" (23).**


Die decima octava (18) Julii 1899.
Diacono Dns Horatius conjux
In Comm.e S. Mat. Ecclae, Sacramentis refectus in Dno diem
supremum obiit Dns Horatius Diacono Ann:73, conjux Dnae Xave-
riae Darmanin, filius vero defunctorum olim conjug. Dnorum
Ioannis Baptistae et Catharinae Mangion, cujus mortalis sarci-
nia, toto comit. Clero, humata fuit in Subter: M. Viatici Sep. N°14

Registrazjoni tal-mewt ta' Orazio Diacono nhar l-18 ta' Lulju, 1899

**Iżda la isem Orazio u lanqas imħabbtu għall-mużika ma mietu miegħu.** It-tifel li twelidlu fiż-Żejtun nhar it-8 ta' Marzu, 1910, **Karlu Diacono semmieh Orazio** (24), u t-talent mużikali baqa' jintiret u jikber ma' ibnu Karlu u ma' Frankie, iben Karlu. Iż-żerriegħa mużikali li żergħu Gio Batta Diacono u Mro. Michelino Deferraris numru kbir ta' snin ilu, illum saret siġra kbira li tesprimi ruħha mhux biss fil-mużika vasta li ħallitilna **l-Familja Diacono**, iżda wkoll fis-**Soċjeta' Mużikali Beland.**

## Riferenzi


1. "Storja ta' Malta u Għawdex", Vol.I, p.248
2. Charles J. Debono, "Il-Banda Beland", fi "Storja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex", Vol.I, Pubblik. Indipendenza, 1997, p.185
3. Ibidem
4. Arkivju Parrokkjali, Żejtun, MS 253
5. APZ Lib. Bapt. XV, f.74v
6. APZ Lib. Def. XI, f.156v
7. APZ Lib. Matr.VII, f.183
8. APZ Lib. Bapt. XI, f.83
9. APZ Lib. Def. VIII, f.47r
10. APZ Lib. Def. XIII, f.38
11. APZ, MS 273, f.193r
12. APZ, MS 47, f.278
13. Idem, f.279
14. APZ, Lib. Def. XI, f.66r
15. APZ, MS 84, paġni mhux innumerati
16. APZ, MS 97, paġni mhux innumerati
17. APZ, Lib. Matr. XV, f.116v
18. APZ, Lib. Bapt. XX, f.66v
19. Idem, f.91
20. Idem, f.119r
21. APZ, MS 304, p.152
22. APZ, Lib. Def. XIV, f.21
23. APZ, MS 97
24. APZ, Lib. Bapt. XXIII, f.177


L-Għaqda Mużikali Beland tifraħ lill-Kanonku Dun Joe Abela għall-unur misthoqq ta' Ġieħ iż-Żejtun u tawguralu aktar ħidma sabiex inkomplu niskopru s-sbuħija u l-kobor ta' l-istorja ta' Beltna.

IL-Bord Editorjali tagħna kien minn ta' l-ewwel illi inkuraggixxa lil Dun Joe sabiex jikkontribwixxi fil-magazine annwali tas-Soċjeta` tagħna; fil-fatt Dun Joe ilu kontributur regulari għal bosta snin.